# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**164.** | **4 ta' NOVEMBRU 1911.** | **IR-RABA SENA**

## FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur: l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL CLIEB

Il chelb hu il veru ħabib ta'l bniedem u gha'n-nies ta'r-raba hu ta' ħtieġa cbira biex jinducraħhom djarhom u it-tgham tagħhom. Iżda ŭisk actar hu animal periculus billi ir-rabbja li jimrad biha hi ŭaħda m'il mardijiet l'actar coroħ u li jchexcxu li il bnidem jista katt jiltaka magħhom f'id-dinja.

Cullħadd għadu jismagħhom ijsemmu lil imsejchen Tabib Muxi li chien miet vittima ta' gidma ta' chelb irrabjat kalb uġiegh li jbażża.

Dana jgħidu li malli chien jara l-ilma jeŭ xi ħaġa tlekk chien jintilef u chien jibda jinbaħ bħal chelb b'mod li jŭaħħax u chien jati is-salt biex jirramba u jigdem lil cull min ijcollu ma dŭaru. Għalhecc chellhom jagħilkuh f'camra fl-Isptar ta' Saŭra fejn miet ŭara granet mitluf b'ir-rabbja, mejjet b'il għatx għaliex malli chien jara l-ilma actar chien jintilef u jrid jaħirbu u fost tbatija tant cbira li chienet tislet id-dmugħ lil cull min chien jarah.

Tasseŭ li minn dac iż-żmien il haŭn il għaref xjenzjat francis Pasteur sab il cura, jgħidu, ta'l *idrofobija* iġifieri ta'r-rabbja ta'l clieb u tasseŭ li il Professuri ta'l Istitut Pasteur ma humiex ħlief ta' sicŭit jictbu li fejjku ħafna nies li ġeŭ migduma minn clieb irrabjati; iżda jecc takraŭ ftit l-*Abolitionist* taraŭ chif bosta u bosta casi ma jfejjkuhomx għaliex il velenu ta'r-rabbja jcun daħal ŭisk il ġeŭŭa u laħak ħassar id-demm collu u sa chemm ŭieħed ijmur Pariġi biex jiccuraŭh barra milli jrid ħafna żmien ijcun ijrid ucoll ħafna flus li ma jicsibhomx cullħadd.

Mela f'il cura ta'r-rabbja ftit tama għandu jcollcom għaliex bosta drabi ma tirnexxix u għaliex ŭisk nies jilħku tard jeŭ ma jcollhomx flus biex ijmorru għall cura.

Mela ŭieħed aħjar ma jakax il baħar biex ma jixxarrabx milli jaka b'it-tama li ŭara jinxef iġifieri li aħjar ŭieħed jaħrab chemm jista m'il clieb biex ma jigdmuhx milli jħallihom jigdmuh b'it-tama li ŭara jcun jista jiccura ruħu u jfiek.

Ftit żmien ilu ir-Riġment li hemm l-Imdina chien ġieb chelb miegħu li chien irrabjat. Dana gidem xi clieb oħra u għalhecc it-tobba ta'l Gvern b'ir-raġun collu beżgħu li daŭna il clieb jigdmu xi nies u b'hecc tixxerred l-drofobija fostna.

Il Gvern malajr ħa ħsieb ta' dina il biċċa, u għal dana ŭieħed ma jistax ħlief jifaħħru, n ħareġ il liġi ta's-sarima li l-ebda bniedem b'il għakal ma jista jonfor contra tagħha. Għaliex dana minn sa fejn billi ŭieħed ijħobb il clieb għandu jħallihomloc jiġru ma'r-riġlejn biex xi darba jirrabjaŭ, jiġdmu lilec jeŭ l-uliedec f'il ħin li tcun għaddejj fi triek għall aftarijiet tiegħec u jibagħtucom id-dinja l-oħra fost tbatija l-actar cbira ?

Il chelb barra milli gha'n-nies ta'r-raba biex jinducrahom hu animal ta'l-lussu u min ijrid ijżomm il-lussu għandu jħallas għalih u ma għandu l-ebda dritt li għall capriċċ tiegħu jagħmel ħsara lill oħrajn. Għaldakstant min ijżomm chelb għandu jżommu b'is-sarima u m'hux jieħu fastidju jecc talli jħallih jiġri minn għajrha il Maġistrat ijŭaħħlu xi żeŭġ liri. Il Maġistrati huma ta' min ijfaħħarhom talli kiegħdin ijŭaħħlu ftit jebes lil min jakbduh b'il chelb bla sarima għad li m'hux b'iż-żejjed għaliex jistgħu jŭaħħlu sa ħmistax il-lira f'loc it-tnejn li kiegħdin ijŭaħħlu issa, għaliex il Maġistrati, bħala nies intelliġenti, jafu xi ħsara cbira tista tagħmel gidma ta' chelb irrabjat u għalhecc hu dmir cbir tagħhom li b'il-liġi jipprotieġu l'iċ-cittadini l-oħra biex ma jġarrbux ħsara għall capriċċ ta' xi ftit li ma'l ħafna tfal li jcollhom, u xi dakkiet b'il ġuħ, ijridu jżommu il-lussu ta' chelb, tnejn u xi dakkiet tlieta ucoll.

Min ijrid ijcollu minn daũna il capriċċi hu padrun iżda hemm bżonn li jokghod għal dac collu li trid il-Liġi biex ma issir ħsara lil ħadd u b'hecc joħroġ cuntent cullħadd.

Barra minn dana il clieb jimirdu b'ħatna mardijiet ta'l ġilda coroħ li jittieħdu m'il bniedem u ghalhecc jaghmlu ħażin ũisk daũc li jħallu l-uliedhom jilaghbu maghhom u jghannkuhom u jbusuhom jeũ li jrakkduhom maghhom jeũ li jħalluhom jorkdu fuk is-sodda fejn imbaghad jorkdu huma. Minn dana jinbtu ħafna mardijiet coroħ li ũisk drabi ma nintebħux mnejn ijcunu ġejja.

U xi nghidu għall ktieghi li bosta drabi jatu l'it-tfal billi jitilghu maghhom biex jieclulhom il biċċa ħobż li jcollhom f'idhom b'mod li m'hux talli bosta drabi jigdmuhom u jħassruhomloc iżda li jaktghuhom bl-icreħ u jmarrduhom?

U xi nghidu minn daũc il ħafna scandli li naraũ f'it-torok ta' cull jum u li jhammru ũiċċ cull min jinzerta ghaddejj minn ħdejhom? Frattant jecc il Pulizija tara cartolina ftit faħxija tħarrec lil min ijbieghha u għal daũna l-iscandli f'it-torok ma tħabbel rasha katt. Xi dritt għandu bniedem li jħalli jiġġerra ũaħdu f'it-torok chelb biex jiscandalizzalec l-uliedec li inti tcun kieghed trabbihom b'rekka tant cbira? U ghala ghandu chelb li jcun ghaddejj jiġri jũakkaghlec lil ibnec u jġibuhulec id-dar miġrugh u isfar lellux b'il katgha?

Ghala biex ijcollom libertà f'it-torok il clieb ma ghandhom ijcollhom libertà f'it-torok uliedna, li huma cittadini, ghaliex biex ma jieħdux xi katgha jeũ xi scandlu jcolloc iżżommhom maghlukin ġeũũa u nducrati dejjem?

Ghal dana collu ir-rimedju hu ħafif ħafna. Hemm bżonn li barra m'is-sarima ũieħed meta joħroġ chelb f'it-triek joħroġ mieghu u m'hux biss jinducrah iżda jżommu dejjem marbut, ghaliex ghad li jcollu is-sarima biex ma jistax jigdem ijcun dejjem jista jiġri, jitla u jũakka it-tfal u jiscandalizzahom.

Il clieb huma lussu u lussu pericolus gha's-società. Hemm bżonn li il ghadd taghhom jonkos u jonkos seũũa ghaliex kieghdin jieħdu ħafna ħobż minn ħalk il fkar u minn ħalk l-ulied ta' bosta familji li jħalluhom nieksin biex jitimghu il ħafna clieb daks iljuni li jcollhom. Min ijrid da'l-lussu hemm bżonn li jħallas tieghu seũũa u jinducrah inchella jekirdu. Bħal ma noktlu tant annimali cull jum biex inghixu fakhom ma tcun xejn bi cbira li nekirdu salt clieb biex neħilsu m'il pericolu cbir taghhom,

Meta il-liġi ta's-sarima u il multi li kieghdin ijuaħħlu il Maġistrati ma humiex ħlief ta' ġid cbir għall pajjis. Tafu meta tifmuh dana? Meta Alla ħares katt, xi ħadd m'il familja taghcom jiġi migdum minn xi chelb u jmut irrabjat; meta jcollcom xi tifel jeũ tifla ġejjin m'il iscola jeũ minn xi kadja u tarahom jirtoghdu sofor lellux b'il katgha ghax chelb tala maghhom u ħatfilhom li chellhom f'idejhom b'marda ũara ta' xi sufiejra jeũ anemija li iddumu ittabb'bu biha sa tfejjkuha, b'ħafna spejjes u taħbit, xi ħafna xhur.

Mela il clieb hemm bżonn li jecc ma jinkerdux ghal collox jonksu ħafna u seũũa u li daũc il ftit li jinżammu ghall ghassa ta'r-raba jeũ ghall capriċċ barbaru ta'l ċaċċa m'hux biss jinżammu dejjem b'is-sarima iżda dejjem marbutin f'it-torok f'idejn sidhom ħalli jonksu ħafna ktieghi u scandli coroħ.

Min ghandu xi chelb ma jieħux gost li jismaghni inghid hecc iżda dana ghandu jġib kuddiem ghajnejh li il ġid ta's-soċjetà hu akũa m'il capriċċ tieghu u li hu jżomm il chelb ghaliex ma jcunx fetaħ ghajnejh biex jintebaħ b'il pericolu cbir li jcun kieghed ijżomm id-dar ghaliex chiecu sgur li jaghmel bħali li m'hux biss ma jżommhomx f'daru iżda li jecc jara chelb fuk banchina jmur ijghaddi minn fuk l-oħra.

## FRAC.

Krajt illi it-Taljani fi Tripli daħħlu erba mitt Malti maghhom biex jinducraũlhom il priġunieri toroc u taũhom sa'l uniformi bajda. Dan juri li it-Taljani ghandhom fiduċja cbira ħafna f'ħutna il Maltin ta' hemm u li huma bi ħsiebhom ijħaddmuna u jinkdeũ bina ghal dac collu li jcollhom bżonn. Dana jsaħħaħ dac collu li jiena ghedt fl-articolu ta'l ghadd l-ieħor ta'n-«*Naħla*;» u ghalhecc narġa intenni li kieghdin jaghmlu ħafna ħażin daũc il ftit Maltin li kieghdin ijxeũũxu contra taghhom. Issa billi il Gharab irvellaũ contra it-Taljani sejjer jaħbtilna ħafna aħjar ghaliex chiecu ma ġarax dana it-Taljani chienu jerħu f'idejhom ħafna postijiet ta'l fiduċja u chienu jħaddmuhom chemm jistghu biex ijżommuhom dejjem miġbudin lejhom u ma jnaffruhomx. Iżda issa ũara li daũna ũreũ li ma gharfux stmaũ il fiduċja li kieghdu fihom it-Taljani u laghbuhom, it-Taljani jibkghu dejjem jibżghu minnhom u jbejjtuhom talli katlulhom lil ħuthom u b'hecc ghalina jcun hemm dejjem actar ũisa biex nieħdu l-impiegi f'lochom. Mela ma ndardrux il ghajn li ħutna ġa kieghdin jixorbu minnha u li ghada actarx ucoll ijcunu jistghu jixorbu minnha daũc il ħafna nies kieghdin li haũn jiġru ma'r-riġlejn u li ma jridux jeũ ma jistghux ijmorru f'il boghod.

★

Gharrfuni li id-Direttur ta'l «*Bandiera ta'l Maltin*» kal fiha li jiena ma ġibtx f'in-«Naħla» il Pastorali li biha ġie scumnicat ghaliex jiena ta'l fehma tieghu. Dana m'hu xejn minnu. Jiena ma gibthiex biss ghaliex il Curja ma baghtitlix copja bħal ma ghamlet lill- gazzetti il cbar l-oħra u ghalhecc ħsibt li il Curja ma ghandha l-ebda interess li il Pastorali tidher f'il gazzetta tieghi.

★

Nitolbu b'il kalb gha'r-ruħ ta'n Neguzjant **Carm: Zammit** President ta'l Banda «San Filippo» ta' Ħa'ż-Żebbuġ, li miet ftit ġranet ilu mibchi minn cullħadd billi chien bniedem ta' kalb ħanina ħafna u li chien jaghmel carità cbira billi chien ijħaddem ma'l mitejn familja f'il cotnina u ħalla f'it-testment l-uliedu li jcomplu in-negozju biex ma jnakksux il ħobż lill daũna il ħafna nies fokra. Vera carità nisranija.

★

M'in-numru 352 ta's-«*Salib*» nieħdu:—

«Il habib taghna, is-Sur Agostino Levanzin P.L. editur proprietarju tan-«*Naħla*» baghtilna leuuel u 't-tieni taksima tal famus rumanz malti «is-Saħħar Falzun.» Is-Sur Levanzin, chif cullhatt jaf, hu l'autur ta bosta xoghlijet m'hux biss bl'Inglis ma anche bit-Taljan u bil Malti u cull biccja xoghol dejjem giet imfahhra minn cullmin chellu ix-xorti li f'idejh tigi. Leuuel taksima hija dedicata lill'Onorevoli u Contin Alfredu Caruana Gatto B.A.,L.L.D. ragel li dejjem issemma ghal gherf tieghu chif ucoll ghal imhabba li dejjem habb lill pajjsu. Dan ir-Rumanz, li ahna sguri li ftit u xejn ma geu pubblicati bhalu f'Malta, hu ta sbuhija liema bhala billi jittratta fuk storja li grat fi zmien il Cavalieri li occupau Malta m'ill'1530 sa zmien il Gran Mastru Hompesch li chien lahhar fost il Gran Mastri li regeu Malta. Ix-xoghol li tana is-Sur Levanzin hu verament ta min ifahhru u ahna ma nistghux ma nirraccomandauhx lill'abbonati taghna billi hua Rumanz li chien imissu icun fil librerija ta cull malti. Bi ftit flus l'abbonati taghna jistghu jacquistau Rumanz l'actar sabieh u li gie imfahhar mill letterati collha. It-tieni

taksima hija dedicata lil l'Avucat Arturo Mercieca M.A.L.L.D. giuvni li ghamel unur lill art tuelidu. Nixtieku intant li il habib taghna is Sur Levanzin jatina xoghlijet ohra billi ahna certi li Rumanzi bhal dac li tana joghġbu lill cullmin jakrahom. Conna nixtieku ucoll illi il Maltin jincoraġġixxu uiehed lill iehor sabiex il-letteratura maltija icollha rumanzi bhal dauc li ippublica is-Sur Levanzin li verament jaghmel unur m'hux biss lilu imma anche lill'art tuelidu. Nixtieku ucoll illi dan ir-Rumanz jigi tradott fil lingua taljana u jecc hu possibili f'lingui ohra billi ahna certi li jimmerita li icun imkighed ghas-sbuhija tieghu m'hux biss fil libreriji tal Maltin ma anche f'dauc ta popoli ohra. Ahna intant nirringrazziau bil kalb lis-Sur Levanzin ta dan is-sabieh Rumanz fil hin li nisperau, jecc Alla irid, li ghad nircievu minn ghandu it-tielet taksima, li chif ahna infurmati hi ta gmiel liema bhalu.»

# TLAKKIT.

—F'il ġisem ta'l bniedem hemm fuk 200 ghadma u minn tnax sa erbatax il-libbra demm. Fih ucoll minn tlietin sa erbghin libbra *linfa* li hi bhal ilma safi u li fiha jsiru il *corpuscoli bojod* li imbaghad jidhlu f'id-demm.

—Ma'd-disghin f'il mija ta'l mardijiet li jahkru il bniedem huma collha ġejjin ghaliex dana ma jafx chif, meta u x'ghandu jiecol. Ghalhecc jiena ma inhix hliet inredden fuk l-ichel u ix-xorb iż-żejjed ghaliex billi nixtiek li naghmlilcom hafna ġid irrid li inghallimcom chif tibżghu ghall sahhitcom u ma timirdux billi tieclu b'il kies u b'il hin dejjem.

—Scond Dr: Eales il ġisem ma jridx actar minn tlieta f'il mija ta' azotu biex ijghix u minn dana nistghu naraû li nieclu ûisk laham, bajd u halib.

—Il biċċa il cbira ta'l ġisem hi ossiġenu billi fih 72 f'il mija iġifieri tliet quarti m'il pis u ghalhecc ġisimna jinharak malajr. Carbonju fih 13 f'il mija, Idroġenu 9 u Azotu 3. Daûna b'collox ijlahhku 97 f'il mija. It-tlieta li jonkos huma maghmula m'il minerali bhal ma huma il ferru, is-sodju, il potassa, il cubrit u hûejjeġ ohra. Mela l-actar li ghandu bżonn il ġisem hu l-ossiġenu u billi dana jiġi m'il arja hemm bżonn li inghixu chemm nistghu fejn hemm hafna ossiġenu iġifieri kalb is-siġar, norkdu dejjem b'il miftuh u nahirbu il folol.

—Tliet qûarti ta'x-xaham huma carbonju u hafna minnu jinsab ucoll f'iz-zoccor, f'iż-żejt u il hûejjeġ l-ohra li jatu is-shana lill ġisem biex jista jahdem.

— L-ilma hu actar minn hdax il darba tkil m'il arja u dina hi actar minn erbatax il darba actar tkila m'il idroġenu li hu l-actar haġa hafifa li nafu biha, ghalhecc meta nimleû ballun bih jitla fl-arja ghaliex ijcun ehfef minnha.

—Tliet qûarti m'il pis ta'l ġisem hu ilma; u meta tiffermenta xi haġa fl-imsaren il ġas li jsir hu idroġenu xi dakkiet imhallat ma' cubrit u ghalhecc ijsejjhulu *idroġenu solforat*. Xaham f'il ġisem ghandu jcun hemm minn 12 sa 14 f'il mija biss.

—F'il ġisem hemm 16 f'il mija protejdi li billi jinhleû hemm bżonn li ncattruhom billi nieclu il hobż isûed li fih l-istess sustanza ta'l-laham, il bajd, il halib, il laham, il piselli, il ghatz, il ful, il-leûż u il ġobon. Ghal min jahdem b'mohhu dan hu l-ahjar ichel ghal min' ijhaddem actar ġismu ghandu jiecol hobż abjad, patata, butir, żejt, zoccor, frottijiet, ross u xaham ghaliex daûna jatu is-shana biex jiflah jahdem. Billi tnax il parti m'is-solidi ta'l mohh huma fosforu min ijrid jahdem b'mohhu hemm bżonn li f'iclu jżid il *fosfati* li l-actar li jinsabu hu f'in-nebbieta ta'l kamh u ghalhecc min ijnahhiha m'il hobż ijcun kieghed jarmi haġa prezzjusa.

—Dr: Bellows li chiteb «*The Philosophy of Eating*» ijghid li actar ma jcun fih fosforu il mohh ijcun actar tajjeb. Fl-isfar ta'l bajd hemm hafna minn dana.

—Dr: Churchill u Dr: Trouseau sabu li meta f'il clorosi (fakar ta'd-demm li jcunu donnhom ta'x-xama) jatu il ferru bhala medicina dana jghin il clorosi iżda jġib il mard ta's-sider. Ifthu ghajnejncom mela b'ma tiehdux *ferrati* ghaliex tehilsu m'il kattara u tehlu f'il miżieb. Jecc tati il fosforu bhala medicina jaghmel hsara f'is-sahha cbira ûisk ucoll. Dana kalu ucoll Dr: Bellows ûara li studjah ghal erbghin sena. Il ferru u il fosforu ghandhom jittiehdu m'il ichel. L-*oatmeal* fih hafna fosforu li jaghmel ġid. F'il ġisem hemm ma'r-ratal fosforu bla ma jaghmel hsara iżda nofs granell minn ta'l ispizzerija jista joktol bniedem.

—Cull tarbija ghandha bżonn ghallankas hames granelli *calce* cull jum biex minnha jicber ghadamha. Il halib fih hafna calce u f'litru (nofs u pinta) jcun hemm mat-23 granell. Mela f'terz halib hemm calce b'iż-żejjed ghal bżonnijiet ta' cull jum. Meta il bniedem jcser il 35 sena u jcun chiber ma ghandux bżonn ûisk u ghalhecc jaghmel hafna hażin li jitghabba b'il halib ghaliex jixjieh u jmut cmieni. Ûara il halib l-actar li fih *calce* hu it-tin. Mela atu minn dana l'ittfal meta jcunu jicbru. Il ghatz, il hass, il caboċċi, li spinaci, il basal, il bajd, il gheneb, il-leûż, iż-żebbuġ, il piselli, il patata, il laham u ir-ross fihom il *calce* ucoll u ghalhecc tajjbin bhala ichel gha't-tfal ucoll.

—F'ġisem ta' 145 libbra hemm ma'ż-żeûġ libbri *calce*.

—Il piselli u il ful huma dauc li l-actar fihom *manjesja* li hi mehtieġa ucoll f'il ġisem. Il-laham fih actar m'il hobż iżda ftit fejn l-ohrajn. Il bajd, ir-ross u it-tkiek abjad fihom ftit. L-actar ichel li fih *ferru* hu il ghatz. Il hass, il piselli, it-tin, li spinaci fihom ġmielhom ucoll. Mela insalata b'il hass u l-ispinaci hi tajjba ûisk biex issahhah id-demm m'al ghatz chemm chemm imgholli u mholli fl-ilma tieghu. Il laham fih ftit u ghalhecc m'hux tasseû li jaghmel demm tajjeb.

*(Jissocta.)*


## GHAL DAUC LI JILAGHBU IL-LOTTU.

Daun jahsbu illi din hija it-triek l'actar facili biex uiehed jista jaghmel il fortuna tieghu mentri hija it-triek li spiss tuassal biex tirrovina lill familji. Jecc uiehed jirrifletti illi min jilghab ambo jista jirbah fost 4005, min jilghab tern jista jcun fortunat fost 117,480 u min jilghab quatern ijcun fortunat fost 2,555,190 chiecu sgur li hadd ma chien jilghab flusu taht daun il condizionijiet u ma chienx jippreferixxi IS-SELF tal flus bi PREMJI; b'daun il probabiltà li uiehed jirbah hija bil bosta actar facili, il premji bil bosta acbar, u fl-ahhar dac li hu actar INTERESSANTI hu illi il flus li uiehed johroġ ma jcunu katt mitlufa, anzi spiss jiġri li jcun rimborsat id-doppiu. It-titoli Panama u Congo huma l'actar interessanti ghaliex ghandhom sitt estrazjonijet fis-sena u il premji huma colossali, huma jiġu mibjugha b'rati mensili ta 5sc. Bid-dritt li uiehed jista jipparteċipa m'il premji sa mil'euuel pagament.

DIFFIDA—id-Ditta haun taht iffirmata hija biss responsabbli ghall contratti li jġibu il firma tas-sottoscritt: cull cuntratt iehor m'hux riconoxxut validu, u jcun inutili cull tgemgim.

Min ijrid informazjonijiet ohra ghandu jmur ghand

C. BORNACCINI

119, Strada Teatro, Valletta.

# IL CURA TA'S-SAUM

*( Tissocta minn numru ta' kabel.)*

Il gharef ta' New York Dr: EMMET DENSMORE, li ħareġ ctieb imfaħħar ħafna fuk is-saħħa chiteb dina l-ittra li turi chemm ġa bosta nies cbar bdeu ijghożżu it-taghlim ta' ġid ta' Dr: Dewey.

«*Dr: Dewey has written an* EPOCH-MAKING BOOK. *It is now two months since I first caught sight of this invaluable guide, and it has been to me of very great benefit*—A PRIZE THAT IS PRICELESS.

*After two days of study and experience, out of a full heart I wrote to Dr: Dewey a letter of enthusiastic appreciation. After a two months study and experience I have not abated one iota of my enthusiasm. I can see at a glance that his book is far better than mine, and I shall take great pleasure in calling attention to it, in praising it, in doing what I can to get people to buy it, aud shall also give many copies away to friends who are in great need of it.*»

Eccu it-tifħir ta' bniedem gharef ħafna u tabib li ghax ma hux injurant f'dina il ħaġa bħal ma huma xi tobba oħra ma ħax il biċċa b'iż-żuffiett u ma riedx bħalhom ijghaddiha bħal biċċa ferħ ta' ġenn.

Dana Dr: Densmore hu speċjalista f'New York gha's-simna u minn bosta snin studja is-saħħa u bli chiteb fukha chiseb isem sabiħ ma'd-dinja collha. Żmien ūara li chiteb l-eūūel ittra li ġibna chiteb oħra li hi din:—

«*I cannot say too much as to the value of Dr: Dewey's books and the system of diet therein unfolded. I first saw a copy early last April and took up the system immediately and have followed it ever since. Mrs: Densmore was equally pleased. I have for the last fifteen years made a speciality of the treatment of ehronic diseases, and especially of these conditions resulting from dispepsia, indigestion and impaired nutrition. Since becoming acquainted with Dr: Dewey's System, I have recommended it to hundreds, and have been assured by scores of sufferers that they have been greatly benefited by adopting the rules given in Dr: Dewey's books. When I began the special study of this subject fifteen years ago I counted to have made great progress towards health as the years have gone by; and since the adoption of Dr: Dewey's system I have perhaps even greater gains than during any other year since adopting a hygienic life and I count the assistance I have received from Dr: Dewey as of the greatest importance.*»

Daūna iż-żeūġ ittri ġibthom sħaħ b'it-tama li jakraūhom xi ftit minn daūc it-tobba injuranti li ħadu is-saūma taghna b'iż-żuffiett u bħala biċċa ġenn biex jintebħu li meta nies ghorrief u aūturi cbar bħal ma hu Dr: Densmore ijghollu sa's-seba sema ħaġa tajjba bħal ma hu is-saūm huma ghandhom ijbaxxu rjushom u jistħu ! ! !

Dana Dr: Densmore biex jaghmel il ġid u jiftaħ il ghajnejn ordna mijet m'il opri ta' Dr: Dewey (*several hundreds*) u kassamhom fost ħbiebu u il morda tieghu collha, Eccu it-tobba cbar u ghorriet tasseū, daūc li ma jibżghux m'il verità chif jaħsbu ! ! !

* * *

AMOS R. COLLINS, M.D., tabib ieħor gharef ta' Westerly, R.I., faħħar ucoll ħafna it-taghlim ta' Dr: Dewey b'dana il cliem: «*To my mind the results of Dr: Dewey's treatment and success show that he is an advanced educator and has given a higher education in American literature for humanity. The results of the Doctor's treatment are* REMARKABLE. *He is truly one of Nature's students.* «*The* «TRUE SCIENCE OF LIVING» *in its adoptation to the needs of humanity ranks in my estimation with the writings of the Egyptian Prince, the Jewish law-giver, the Inspired Moses.*» Mela scond il fehma ta' dana it-tabib gharef ūara is-Sacra Scrittura ghadu katt ma inchiteb ctieb cbir u mimli gherf daks dana ta' Dr: Dewey u jiena talli ridt inxandar fostna dana it-taghlim tieghu u tajt l-eūūel prova fuki u fuk marti ta'l ġid cbir li jaghmel, riedu jghodduni ta' miġnun u seūūbu fukna l-insulti u il pastasati collha actarx forsi biex ijbeżżghuna u ma jħalluniex niftħu il ghajnejn ta'l poplu ghall ġid tieghu. Iżda min ħaseb hecc tkarrak ghaliex jaf li jien ma inhix minn daūc li nibża m'il babaū u bi ħsiebni nibka nħambak fuk il cura ta's-saūm sa jicconverti saħansitra il blat l-actar samm.

* * *

Isimghu issa x'ijghid dana it-Tabib ieħor, ta' Filadelfja, DR: B. B. PERKINS ta' 3,259 Sansom Street. Ftacru li kieghed inġibilcom cliem ta' tobba, u tobba ghorrief, u sa chemm it-tobba stess bdeū jatu raġun u jfaħħru hecc b'leħen ghali l-it-taghlim ta' Dr: Dewey hu turija ċara li ma hux ta' min jieħdu b'iż-żuffiett jeū ijghoddu bħala ġenn bħal ma ghamlu xi tobba injuranti ta' haūn li minn mindu kalu l-*Introibo ad altare Dei* tasseū li kalu iżjed l-«*addio a' libri miei*» u ħabblu rashom b'il politica, b'it-titoli, b'il caċċa, b'is-sajd, b'il-loghob f'il casini, b'il groggijiet u ħūejjeġ actar mokżieża milli bl-istudju ta'l Medicina biex ijcunu jistghu jakdu dmirhom b'il coxjenza chif ijmisshom u ma jġorrux actar nies vittimi ta'l injoranza taghhom lejn iċ-Cimiterju bħal ma nista nipprova li jsir CULL JUM. Ftacru li dana ma jienhiex kieghed inghidu gha't-tobba collha ghaliex, nizziħajr l-Alla, daūc it-tuzzana tobba ghorrief u ta'r-ruħ ma jonksux u daūna collha tista tghid li ghamluli il kalb u iddefendeuni. Kieghed inghid biss ghal daūc it-tobba li ghall'injoranza u il vizzji coroħ u mokzieża taghhom jaghmlu ghajb imkar lill classi ta'l ġemmiegħa-iż-żebel u m'hux l'il classi ta't-tobba biss! *A buon intenditor poche parole.* Nitma li fuk dan ghad nitħaddet actar ċar! Arivederci ! ! !

Inghaddu mela ghal dac li kal Dr: Perkins. Dana semma il cas ta' Mrs. M. R... minn Filadelfja, li chienet smina donnha żembil ta't-tamar u chienet tcacchi u tpixxi taħtha il ġurnata chemm hi tūila bħal papri. Xagħarha meta tomxot chien jinżel trofof trofof u dana juri li chellha il ġilda ta' rasha marida, u ta' sicuit chienu jatuha tixjiriet ta' mejt li chienet imdejjka ħafna bihom. Żmien ilu taha attacc ta' influenza kaūūi li ħallielha nevralġija kaūūija li ghad li sejjħet l-aħjar tobba ta'l Jefferson Medical College u ta'l University of Pennsylvania ma fejjkuhiex. Meta imxiet fuk il cura ta' Dr: Dewey fieket tista tghid ghal collox. Dr: Perkins chiteb:— «*She began the true way of living last March and has had entire satisfaction in the matter. Her habit through life has been an abnormal condition of the bowels, usually several loose watery stools daily. She had not been under the influence of the New Way a week when to her great surprise and delight, a complete constitutional change was effected, to one that was perfectly normal. About the same condition existed as regards incontinence of urine; the same change was effected,*» u ghaddielha ucoll il mejt u in-nevralġija u xagħarha ma ūakax actar.

Dr: Perkins jispiċċa l-ittra tieghu hecc:— «*What more could be asked as evidence that* «*The New Gospel of Health*» *is capable of doing all that Dr: Dewey claims for it? It impresses me as* THE MOST IMPORTANT ANNOUNCEMENT MADE TO THE WORLD, SINCE THE ANGELS PROCLAIMED THE BIRTH OF CHRIST» iġifieri li il ctieb ta' Dr: Dewey ġieb f'id-dinja l-akūa aħbar minn mindu l-anġli ħabbru it-tūielid ta'l Messija ! ! ! U dana kalu tabib ! ! !

*(Tissocta.)*

# IS-SAHHAR FALZUN.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

—«Tista taħseb» ŭieġeb Ambroġ «xi tfixchila u x'ghagha kamet ma'l Gżejjer collha. Cullħadd beda jitla fuk il bjut, jiftaċċa fuk is-sŭar, jiġri lejn il plajja biex jara ix-xefak ta'l Lvant ijbajjad b'il klugh ta x-xŭieni toroc. In-nies ta' rħula bdeŭ jaħsdu b'il ghaġla l-uċuħ u jġorru dac li jistghu minnhom, b'il bħejjem b'collox u b'ħafna sarar ta' ħŭejjeġ, lejn l-ibliet. Ma contx tisma jidŭu f'ŭidnejc ħlief talb, xhir, bichi, gheŭiedi, ordnijiet ma' cliem ta' tisbir u tkaŭŭija ta' klub. In-nies li ŭieghed il Viċirè ma chienux ghadhom ŭaslu ħlief erba mija minnhom biss u l-irsiera u ix-xjuħ ma conniex ilħakna kaċċatnihom lejn Skallija collha. Chienet tasseŭ ġurnata li tchexchex u jecc indum ħajj mitt sena oħra sgur li minn moħħi it-tifschira ta' nichet taghha ma tmurli katt.»

—«U il Cavalieri ma marrux jilkghuhom?» staksa Gaŭci.

—«Iva» ŭieġbu Ambroġ «il Ġeneral Coupier b'actar minn elf ruħ mieghu mar inħeba fl-inħaŭi ta' Marsaxlocc biex jecc it-Toroc jitħajjru li jisbarcaŭ hemm ijcun imħejji biex jakbeż fukhom bħal ljun miġŭiħ u jħarbathom. Iżda ix-xŭieni toroc bakghu sejjrin ma'x-xatt ix-xatt sa'l Imġarr u Ghajn Toffieħa fejn tefghu l-ancri. Coupier baka dejjem miexi chiss inchiss ma'x-xtajta ŭarajhom. Dalam u ghalhecc Coupier biex ijserraħ l'in-nies tieghu inġabar fl-Imdina.»

—«Niftacar» kabeż kal Xara «xi plejtu kam haŭna meta in-nies ta' Coupier ġiebulna dic il bxara ghaliex il coll conna ħsibna li it-Toroc chienu sejjrin jibdghu biex jaħbtu ghalina u aħna ma chellniex nies biex nilkghuhom b'iz-żejjed.»

—«U tiftacar» staksiħ Gaŭci «meta iltakghu il Ġurati f'nofs il-lejl ma'l Captan ta'l armi, il Cav: Mesquita, biex baghtu lil Luka D'Armenia ghand il Gran Mastru ħalli jfittex jibaghtilna il ghajnuna?»

—«Iva» ŭieġeb Ambroġ «niftacru seŭŭa u ghadni nara tielghin l-aghda ma's-sebħ is-suldati ta'ż-Żejtun, ta'z-Żurriek, ta'l Gudja u ta' Birchircara fuk is-Sakkajja biex jatuna dakka t'id seŭŭa gha't-takbida ma'l chiefra Misilmin. Il Birgu ħaduh taħt idejhom il Cavalieri spanjoli, franciżi u tedeschi b'il Cavalier Starquey, l-ingliż, maghhom billi ma chienx haŭn ħliefu. L-Isla ħaduha taħt idejhom il Cavalieri taljani taħt it-trieġija ta'l Ammirall Del Monte; Sant Iermu chien taħt il ħacma ta'l Cavalier De Broglia u baghtulu mieghu lil Balliju D'Eguaras b'mitejn ruħ oħra ma'l mija u ghoxrin li ġa chellu u b'erbghin Cavalier. L-ilma ta'l campanja collha ġie intuscat u dana ġieb mard u mard m'hux bi ftit f'imsaren it-Toroc li xorbu minnu u mietu minnhom b'hecc b'il gzuz.

«Il Ġeneral Coupier baka jghasses minn fuk it-torri Falca biex jara x'bi ħsiebhom jaghmlu it-Toroc. Jiena cont ma' dŭaru billi chelli mitt sena li naħsel idejja f'demm daŭc il misħuta ghedeŭŭa ta't-tŭemmin taghna. Biss meta daħal il-lejl seŭŭa bejn, id-19 u il 20, smajna bħal ħsejjes u lmaħna ħamsa u tlietin xini jsalpaŭ lejn Marsaxlocc li minn fukhom niżżlu tliet elef ruħ. Coupier xamm minnufih x'chien il ħsieb ta't-Toroc, ħalla ftit ijghassu f'Torri Falca u lebbitna lejn Marsaxlocc biex nilkghuhom. L-aghda il flotta torca collha daħlet f'Marsaxlocc u niżżlet in-nies fl-art.»

—«Mur ar' chif tŭerŭru in-nies ta'l Birgu, hux?!» kalet Rużanna.

—«Tista taħseb!» ŭieġibha Ambroġ «Chien nhar ta' Ħadd. Fra Robert ghamel priedca li kanklet kalb cullħadd u li biha ħaġġighom chemm felaħ gha't-takbida ma' daŭc li riedu jcasbrulna il ġieħ ta'n-nisa taghna, it-tŭemmin ta' Cristu u jcarcruna irsiera, b'uliedna b'collox, f'moħkrija l-actar cbira. Saret pircissioni b'latanija u cullħadd talab, b'id-dmugh f'ghanejh, ħniena m'is-sema b'il ghajnuna ta' San Laŭrenz. Il Cav: Marcion D'Eguaras baka dieħel b'il cavallerija fuk iż-Żejtun li chienet ġa miżghuda b'it-Toroc u kabbad it-takbida maghhom. It-Toroc ħabtu ghalina iżda aħna ghamilna ta' b'ir-ruħna li bżajna minnhom u bdejna nerġghu l-ura sa chemm ġbidnihom fuk il ŭesgha ta' San Anard. Haŭn laħku is suldati l-oħra taghna iżda bkajna naghmlu ruħna imbeżżgha u nerġghu l-ura sa chemm ġbidnihom taħt it-tir ta'l canuni ta'l Birgu. Minn haŭn ħarġu tmien mija oħra u maghkudin il coll f'dakka ħbatna gha't-Toroc, tajnihom xebgha chif tmiss il-liġi ħarbatnihom ghal collox u ġieghilnihom jaħirbu lejn il Buleben. Chemm mietu jeŭ bakghu midruba ma nafx inghidilcom; naf biss li ghamilna sitt irsiera u li baka miġruħ f'riġlu il Cav: D'Eguaras u ghalhecc f'locu ħa it-trieġija il Cav: Barrese, li ġabarna fl-Imdina f'il ħin li is-suldati ta'l Birgu reġghu daħlu mnejn ħarġu. It-Toroc bakghu jħarbtu u jisirku cull ma sabu f'ir-raba ta' ma' dŭar iż-Żejtun u Ħa'ż-Żabbar. L-aghda Coupier u Giou b'in-nies taghhom dehru fuk il gholja ta'l Mandra u bdeŭ jinbxuhom. It-Toroc resku, ħabtu ghalina, u ħadulna il gholja. Iżda aħna kaŭŭejna klubna, arġajna tlajna ghalihom, taptapnihom seŭŭa, raġġajnihom l-ura u kaċċatnilhom il bandiera li chienu naħħlu f'il ŭakt li ħalleŭ mejjtin ŭarajhom ma'd-disa mitt ruħ bi ftit minn taghna maghhom.»

—«Mela bdejna tajjeb ħafna!» kal Xara collu ferħan.

—«X'jidhirlec!» ŭieġbu Ambroġ «u ma dan beda ittaħŭid u il ghajdud kalb l-ghedeŭŭa taghna ucoll. Mustafà ried li jaħbtu ghall Birgu, Pialì ried li jħarbtu Sant' Iermu biex ijcunu jistghu jdaħħlu il flotta f'il Port il Cbir u ma jħalluhix tixxerred f'Marsaxlocc ghall beraħ. It-tnejn ma setghu jaghmlu xejn kabel ma jasal Dragutt bħal ma chien ŭiddibhom Soliman. U dan fixchilhom m'hux ftit. Infirxu minn Ħal Tarxien sa'l Marsa u kaghdu hemm taħt it-tined jistenneŭ. Fl-aħħar ghaddiet ta' Pialì u bdeŭ ijħejju irŭieħhom biex jaħbtu ghal Sant' Iermu billi ħasbu li fi ftit ġranet jaka taħt idejhom sgur billi ma chienux jafu li ŭara il ħaġar ta's-sŭar chien hemm sŭar actar kaŭŭija mibnija m'il isdra ta'l kalbiena Cavalieri li chienu jħarsuh.»

—«U taghna?» staksa Gaŭci.

—«Aħna ma kghadniex b'idejna marbuta» ŭieġbu Ambroġ «Sant'Anġlu, bla ħeda ta' xejn, chien kieghed dejjem ijxeŭlaħ il balal ta'l canuni tieghu fukhom u in-nies ta' Sant'Iermu ħarġu ghalihom chemm il darba. La Vallette, meta fehem x'chien bi ħsiebhom jaghmlu, feraħ bla tarf ghaliex chien jaf li Sant Iermu jżomm f'it-tul sa jaka b'mirbuħ u b'hecc jilħak ijħejji is-sŭar ta'l Isla seŭŭa u tilħak il ghajnuna ta'l Viċirè. Saħħaħ in-nies ta' Sant'Iermu li issa laħħku b'collox ħames mitt suldat b'mitt Cavalier maghhom m'il actar kalbiena. U billi kalulu li l-erbghin elf bettija ilma li chien ħażen f'il Birgu ma chienux ijlaħħku ghal actar minn erba xhur ġieghilhom joktlu il bhejjem collha li chien hemm il ġeŭŭa m'is-sŭar u li jmellħu laħamhom ghall meta jinħtieġuh. Baghat ix-xini San Ġacbu, b'fukha lil karibu Parisot, biex jitlob il ghajnuna lill Viċirè ŭara li feħemu dac li chien ġara collu u dana baghat ijŭieġbu li chellu bżonn ta'x-xŭieni collha ta'l Ordni biex ijcun jista jibghathielu. Baghat talab ghajnuna lill Papa ucoll u fuk cullħadd lil Filippu, Sultan ta' Spanja, billi chien jakbillu ħafna li ma jħallix Malta taka f'idejn it-Toroc.»

—«U Dragutt?» staksa Gaŭci.

—«Ûasal haûn» ûieġbu Ambroġ «f'it-30 ta' Mejju bi ħmistax il xini u b'elf u ħames mitt ruħ mieghu. Ftit ġranet kabel chien laħak haûn ucoll Luccialì, il calabris, b'sitt xûieni oħra u b'disa mitt ruħ gha't-taktigha. Malli feġġ Dragutt fuk Malta Mustafà u Pialì ħarġu jilkghuh bi tminin xini li huma u ghaddejjin minn kuddiem Sant'Iermu ferrghu fuku il canuni taghhom collha. Fetħu ûara erbatax il ħalk ta' canun ieħor minn fuk il gholja ta' Xiberras u bdiet b'hecc dic it-takbida ta' Sant Iermu tant glorjusa li sa chemm iddum ûiekfa id-dinja ma tintesa katt.»

—«Tabilħakk ! » tenna Xara.

—«Il ġenerali toroc» compla Ambroġ «inġabru f'il kala ta' S- Ġorġ u damu jitcheûċnu ħafna biex jiftieħmu chif chellhom jaħbtu l-aħjar ghalina. Dragutt, li chien jilħaklu ħafna, fehimhom li ma ghoġbu xejn dac li ghamlu s'issa u li minn ghalih chien ijmissihom l-eûûel ħadu Ghaûdex taħt idejhom u ûarajh l-Imdina u imbaghad ijdaûûru ghall bkija. Iżda biex ma jatux f'il ghajn li ma chienx hemm fteħim bejniethom u b'hecc ijkaûûulna klubna, ftieħmu li chellhom jibkghu miexjin chif bdeû u jaghmlu m'il aħjar.»

—«U ix-xebgha li kalghu m'il Mosta tiltacar fiha? » staksa Xara lil Ambroġ.

—«Ara x'kallec ! » ûieġbu dana «Jecc jiena cont maghhom. Chien dac il mishut ta' irsir torc li ħarab minn haûn li mar ûebbel l'it-Toroc li fl-Irdum ta'l Madliena chien hemm ħafna Maltin moħbija. Meta it-Toroc telghu ghalihom taghna intebħu u laħku ghasfrulhom ħafif, ħafif. Aħna iltkajna ma't-Toroc krib il Mosta u ħarbatnihom m'hux biss iżda ħalleû mitein mejjta ûarajhom barra dac collu li chienu ġa serku. Aħna ma tlifniex ħlief tmienja u bosta bakghu miġrugha; u chienu ureû ħila li tghaġġeb Michiel Calli, Carlu D'Avola, Cejlu Tonna u Luka Briffa.»

—«Mur ara chemm tfettet Dragutt meta ra li chienu bdeû hecc imgharrak !» kalet Rużanna.

—«U nghid ! » tenna Ambroġ «Iżda l-aghda, il 31 li sebaħ Lapsi, Dragutt ġieghilhom jaħbtu ghall Sant' Iermu biex jitħallas m'it-telfa ta' kabel. La Vallette chien kalbu seûda billi ma'l lejl chien ûasal minn Skallija Matteû Bonnici b'il bxajjar ta'l Vicirè fejn gharrfu li dana ma riedx jibghatlu il ghajnuna li chien ûieghdu chemm il darba ma jibghatlux ix-xûieni ta'l Ordni ghaliha u l-irsiera. Dina l-aħbar chiddet ħafna lil Gran Mastru iżda ûera ûiċċ b'ieħor u xerred ix-xniha li il ghajnuna chellha ma iddumx ma tcun maghhom.»

—«U Sant'Iermu ? » staksiet Marija.

—«Ghad li in-nar kalil ta't-Toroc dam ghal tlietin siegha sħaħ» ûieġibha Ambroġ «il forti ftit ittiefes u ghalhecc Dragutt żied ghaxar canuni oħra actar f'il krib. Ghammar ucoll b'il canuni l'ilsien ta' art li baka jġib ismu biex ijchidd lil forti m'il ġenb ucoll u ûiddibhom li jaghmlu ħiliethom collha li jûakkghuh taħt idejhom kabel tasal il ghajnuna ta'l Vicirè. La Vallette, meta ra li il killa ta't-Toroc collha ghakdet fuk Sant'Iermu ried li jmur hu stess hemm ġeûû biex ijħarisha aħjar hu, iżda il Cunsill ta'l Gûerra ma riedux ghaliex ħajjtu f'dac il ûakt chienet ghażiża ûisk *. Iżda bosta Cavalieri u Maltin talbu li jmorru f'locu u hecc ghamlu. Dic inhar ġebla li ittajjret b'balla laktet hecc bl-icreħ lil Pialì u darbitu li cullħadd ħaseb li chien baka mejjet. Meta taghna raû l'it-Toroc imfixcla ghal dac li ġara ħarġu ghalihom u kattghu minnhom chemm felħu; iżda billi ûara ġiet cotra acbar ta' Toroc daûna ghalbu u taghna reġghu daħlu f'il forti mnejn chienu ħarġu. It-Toroc kaûûeû klubhom u ħabtu actar bl-aħrax ghall taghna sa chemm ħadulhom biċċa m'il forti u chienu actarx jieħdulhom il bkija chiecu chellhom slielem tûal b'iżżejjed. Iżda taghna, ghad li ghajjiena ghall meût tħabtu chemm felħu u xeûlħuhom f'il foss. Damu jitkatlu tista tghid ghal jum sħiħ; fi-aħħar it-Toroc katghu kalbhom u reġghu l-ura ûara li ħalleû mejjta ma't-tliet elef ruħ m'il aħjar li chellhom. Aħna tlifna xi mitt suldat u ghoxrin Cavalier b'bosta miġrugha u fosthom il Balliju ta'n-Negropont u il Commendatur Broglia. Il Cavalier Gardampe-Bridiers, li chien miġrugh seûûa b'balla f'sidru, meta riedu jduru bih kallhom li ma chienx hemm tama ta' ħajja ghalih u ghalhecc ma chienux ħlief jitilfu dac iż-żmien li chienu jintieġu oħrajn li setghu jghixu biex ijcomplu jitkatlu ma'l ghedeûûa; u ghalhecc x'ħin tcaxcar ûaħdu f'riġlejn l-artal ta'l cappella, miet. Ma'l-lejl ħadu il miġrugha il Birgu u daħlu mitt suldat ieħor ghall ghajnuna. Il Balliju ta'n-Negropout u il Commendatur Broglia ma riedux jitilku ghad li midruba seûûa u baghtu jghidu lill Gran Mastru li la baghathom hemm ma chellhomx joħorġu ħlief jeû rebbieħa jeû mejjta ! »

—«Chemm chienu kalbiena ! » kalet Ružanna.

—«Iva, iva,» tenneû l-oħrajn u Ambroġ compla jghid:—

—«It-Toroc ma katghux klubhom u bakghu bla ħeda ta' xejn jisparaû fuk Sant'Iermu- Ġo fih ma contx tilmaħ ħlief nies miġrugha u iġsma ma'l art ta' nies mejjta jeû li kieghda tmut fost uġiegh l-actar kalil billi ma chienux ijsibu żmien b'iż-żejjed biex ijduru bihom. Il forti chien ghoddu sar gozz ġebel. Meta il Gran Mastru sar jaf b'dana baghat ijkaûûilhom klubhom billi kallhom li jecc jaka Sant'Iermu f'idejn it-Toroc actarx tintilef il gżira collha u kallhom li meta jmutu huma hu chien imħejji biex jiġi jati ħajjtu ucoll biex dac il forti jibka taghhom sa'l aħħar. X'uħud m'il Cavalieri iż-żghażagh riedu joħorġu gha't-Toroc iżda La Vallette ma ħallihomx u baghat ijghidilhom li dmirhom chien li jokoghdu ghal dac li jûiddibhom hu. La Vallette baghat biex jara jecc il Forti chienx tasseû ma jiflaħx ijżomm actar iżda Costantin Castriota kallu li jecc jatih katgha nies mieghu jidħol ghalih biex ijħarsu hu. Malli tanbru biex jaraû min ried ijmur mieghu ġreû il mijiet u ghalhecc La Vallette baghat ijghid lil daûc li chienu kieghdin ijħarsuh li jecc ijridu jitilku hu sab gozz il min ijkieghed f'posthom. Daûc roghxu u baghtu ijghidulu li min hemm ma joħorġux ħlief mejjta jeû rebbieħa. La Vallette ûara li talbuħ il maħfra ghal darbtejn, ħallihom »

—«U dam ma ûaka Sant'Iermu ? » staksiet Ružanna.

—«Ħafna ucoll ! » ûieġiebha Ambroġ «Ghal sitta u ghoxrin jum sħaħ it-takbid u l-isparar ma ħdeû xejn u it-Toroc bdeû jiħraxu actar minn jum ghall ieħor. F'is-16 ta' Ġunju, Mustafà, mimli b'il misħtija li gozz ġebel daûûimhom dan collu u kerdilhom tant nies biex jaka taħt idejhom, ħabat ghal Sant'Iermu bl-art u il baħar. Tkatlu b'ħila cbira m'iż-żeûġ bnadi u il biċċa il cbira sider ma' sider. Taghna bdeû jitlghu katran jismot u jixghel fuk it-Toroc u dana beda jfixchilhom bla tarf. Iż-żejt imgholli ma nakasx ucoll; u b'hecc bixclu chemm felħu l'it-Toroc ta' cull darba li chienu jitilghu ma's-sûar. Taghna bakghu fl-aħħar rebbieħa ûara sitt sieghat tkatil bla mistriħ, u ûara li Mustafá ħalla xi elfejn ruħ minn tieghu mejjtin. Taghna tilfu sbatax il Cavalier u xi tliet mitt suldati barra ħafna li bakghu miġrughin seûûa. La Vallette daħħal mija u ħamsin oħra gha'r-rifda. Dragutt x'ħin xiref biex jaraû chif jaghmlu ħalli ma jħallux ghajnuna actar tiġi m'il Birgu, ġie milkut minn ġebla f'rasu u mxeûlaħ fl-art ghal mejjet ghad li ruħu ittajjret f'it-23, meta it-Toroc collha ferħana ħadu Sant'Iermu taħt idejhom. *(Jissocta)*

* Ab: **Berault-Bercastel**—*Storia del Cristianesimo. Vol. III. Lib. 96.*

# St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imŭakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ŭarà il meŭt tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġŭann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal ghal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ŭara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Daŭc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru biċ-ċar ir-risultati sbjeħ li chellu fl-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghaddeŭ tmienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħila ta's-Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaħh b'kalbna collha.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha aħjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

# IR-RUH NISRANIJA
# KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

## SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

## CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħroġha. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb aċtar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ha'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Ħuejjeg ta' Chimica u Fotografija, Żebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinżammu b'saħħitcom

# IPPURIFICAU

# BIDDLU

# u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭieħħom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispiżżjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26, Il Belt.

---

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess, jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. C. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, forniment ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŬ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

## METAL POLISH "PHONIX"

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŬ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispiżżjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.